

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 626/2009

tat-13 ta' Lulju 2009

li jikkonkludi r-reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 tad-dazju anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikoli 9 u 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. MIŻURI EŻISTENTI

- (1) Wara investigazzjoni ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill, bir-Regolament (KE) Nru 1629/2004⁽²⁾ impona dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja.

1.1. Bidu ta' reviżjoni interim

- (2) Fuq it-talba ta' Hindustan Electro Graphite Limited ("HEG" jew "il-kumpanija"), produttur esportatur Indjan suġġett għall-miżuri anti-dumping fis-seħħ, tnediet reviżjoni interim parzjali tar-Regolament imsemmi hawn fuq skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament basiku.
- (3) Din ir-reviżjoni parzjali bdiet fuq bażi ta' evidenza *prima facie* provduta mill-kumpanija li, safejn taf hi, iċ-ċirkostanzi li fuqhom ġew stabbiliti l-miżuri kienu nbidlu u li dawn il-bidliet kienu ta' natura dejjiema.
- (4) It-talba allegat li l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat tnaqqas minħabba effiċjenzi ta' produzzjoni mill-investigazzjoni oriġinali, u li l-kumpanija setgħet iżżid il-prezzijiet tal-esportazzjoni tagħhom b'mod sinifikanti. Għalhekk, huma ddikjaraw li l-impożizzjoni ssuktata tal-miżuri fil-livelli attwali, li kienu ibbażati fuq il-livell ta' dumping stabbilit qabel, ma kenitx meħtieġa aktar biex tagħmel tajjeb għad-dumping.

- (5) Waqt li ddeterminat, wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjeż evidenza biex tinbieda reviżjoni interim parzjali, il-Kummissjoni ppubblikat avviż ("Avviż ta' Bidu")⁽³⁾ u bdiet investigazzjoni, limitata għall-ambitu ta' stħarriġ tad-dumping.

1.2. Partijiet ikkonċernati mill-investigazzjoni.

- (6) Il-Kummissjoni għarrfet b'mod uffiċjali lill-HEG, kif ukoll lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-industrija Komunitarja, bil-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjoni tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta ta' smigħ.
- (7) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-applikant u rċeviet tweġiba qabel l-iskadenzi stabbiliti għal dak l-għan. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni ta' dumping u għamlet żjara ta' verifika fuq il-post tal-kumpanija HEG f'Blopal, India.

1.3. Perjodu ta' investigazzjoni għal reviżjoni

- (8) L-investigazzjoni tad-dumping kopriet il-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2007 u l-31 ta' Marzu 2008 ("il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni" jew "il-PIR").

2. PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI

2.1. Prodott ikkonċernat

- (9) Il-prodott kopert minn din ir-reviżjoni attwali huwa l-istess prodott bħal dak fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri elettrodi tal-grafita tat-tip użat għall-ifran tal-elettriku, b'densità apparenti ta' 1.65 g/cm³ jew aktar u b'reżistenza elettrika ta' 6.0 µΩ.m jew anqas, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 8545 11 00 u nipils użati għal dawn l-elettrodi, li jaqgħu fi ħdan il-kodiċi NM ex 8545 90 90 kemm jekk importati flimkien kif ukoll separatament, li joriġinaw mill-Indja.

2.2. Prodott simili

- (10) Ir-reviżjoni attwali wriet li s-sistemi tal-elettrodi tal-grafita prodotti minn HEG u mibjugħa fuq is-suq domestiku Indjan huma simili għal dawk esportati lejn il-Komunità u għalhekk setgħu jiġu kkunsidrati li kienu simili għal-prodott ikkonċernat.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 295, 18.9.2004, p. 10.

⁽³⁾ ĠU C 164, 27.6.2008, p. 15.

3. DUMPING

3.1. Valur normali

- (11) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-bejgħ domestiku tal-prodott ikkonċernat lil klijenti indipendenti kienx rappreżentattiv, jiġifieri jekk l-ammont totali ta' bejgħ bħal dan kienx ugwali jew aktar minn 5 % tal-ammont totali tal-bejgħ ta' esportazzjoni korrispondenti lill-Komunità. Il-bejgħ domestiku ta' HEG instab li kien rappreżentattiv waqt il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (12) Il-Kummissjoni mbagħad identifikat dawk it-tipi ta' prodotti mibjugħa b'mod domestiku minn din il-kumpanija li kienu identiċi jew li kienu jitqabblu direttament mat-tipi mibjugħa għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.
- (13) Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott partikolari kien ikkunsidrat rappreżentattiv biżżejjed meta l-volum ta' dak it-tip ta' prodott mibjugħ fis-suq domestiku lil klijenti indipendenti matul il-perjodu ta' investigazzjoni kien jirrappreżenta 5 % jew aktar tal-volum totali tat-tip ta' prodott simili mibjugħ għall-esportazzjoni lejn il-Komunità.
- (14) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' sistema ta' elettrodi tal-grafita mibjugħ fis-suq domestiku fi kwantitajiet rappreżentattivi, setax jitqies li sar tul l-andament normali ta' kummerċ skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku. Dan sar billi ġie stabbilit il-proporzjon ta' bejgħ domestiku bi qligħ lil klijenti indipendenti, ta' kull tip ta' prodott esportat, fis-suq domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni.
- (15) Għalhekk, għall-bejgħ domestiku ta' kull tip ta' sistema ta' elettrodi tal-grafita mibjugħa domestikament fi kwantitajiet rappreżentattivi fejn il-bejgħ kien 'il fuq minn 80 % profitabbli bil-volum, il-valur normali ssejjes fuq il-prezz domestiku attwali tat-tranżazzjonijiet kollha tul il-perjodu ta' investigazzjoni.
- (16) Għal kull tip ieħor ta' esportazzjoni mibjugħ ukoll fis-suq domestiku, fejn il-bejgħ kien inqas minn 80 % profitabbli bil-volum, il-valur normali ssejjes fuq il-prezz ta' bejgħ domestiku attwali tat-tranżazzjonijiet profitabbli tul il-perjodu ta' investigazzjoni
- (17) Fejn il-prezzijiet domestiċi tat-tip ta' prodott partikolari ma setgħux jintużaw sabiex ikun stabbilit il-valur normali, kellu jiġi applikat metodu ieħor. Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, minflok, ikkalkulat valur normali kompost, kif ġej:
- (18) Il-valur normali kien mibni billi mal-ispejjeż tal-manifattura tat-tipi esportati ta' kull esportatur, ġie miżjud ammont raġonevoli għall-bejgħ, għall-infiq ġenerali u

amministrattiv ("spejjeż BĠ&A") u marġini raġonevoli ta' qligħ.

- (19) Fil-każijiet kollha l-ispejjeż BĠ&A u l-qligħ ġew stabbiliti bil-metodi stabbiliti fl-Artikolu 2(6) tar-Regolament Bażiku. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-ispejjeż BĠ&A mġarrba u l-qligħ imsawwar mill-produttur esportatur mill-bejgħ fis-suq domestiku tal-prodott simili kienx jikkostitwixxi dejta affidabbli u f'dan il-każ iddeterminat li dan kien xieraq biex jintuża biex jifforma l-valur normali.

3.2. Prezz tal-esportazzjoni

- (20) Il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat minn HEG sar direttament lil konsumaturi indipendenti fil-Komunità, u għalhekk il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet li effettivament tħallsu jew li jistgħu jitħallsu għall-prodott ikkonċernat waqt il-PIR skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

3.3. Tqabbil

- (21) It-tqabbil bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni sar fuq bażi ta' kif joħroġ mill-fabbrika u fl-istess livell ta' kummerċ. Sabiex jiġi assigurat tqabbil ġust, ġew ikkunsidrati, bi qbil mal-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku, dawk id-differenzi fil-fatturi li ntwerew li jaffettwaw il-prezzijiet u t-tqabbil tal-prezzijiet. Fuq il-bażi ta' dan, saru konċessjonijiet, fejn applikabbli u ġustifikati, għal differenzi fir-ribassi, għall-ispejjeż tat-trasport, l-assigurazzjoni, l-ispejjeż tat-tagħbija, l-ispejjeż tal-imballaġġ, l-ispejjeż ta' kreditu u ġew stabbiliti dazji doganali.

3.4. Marġni ta' dumping

- (22) QKif previst fl-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku, il-valur normali medju bil-piż differenzjat skont it-tip tqabbil mal-prezz medju bil-piż differenzjat tal-esportazzjoni tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat.
- (23) Il-marġni tad-dumping ta' HEG espress bħala perċentwali tal-prezz nett, bla hłas fil-fruntieri tal-Komunità, id-dazju mhux imħallas, instab li kien *de minimis* skont l-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

4. NATURA DEJJIEMA TA' ĊIRKUSTANZI MIBDULA

- (24) Skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat ukoll jekk kienx raġonevoli li ċ-ċirkostanzi mibdula jitqisu bħala ta' natura dejjiema.
- (25) Filwaqt li l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-kumpanija ma kinux naqsu b'mod sinifikanti mill-investigazzjoni oriġinali, il-prezz tal-esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat kien żdied sostanzjalment waqt il-PIR, u b'hekk tnehew is-sejbiet dwar id-dumping mill-investigazzjoni oriġinali.

- (26) L-aħħar data disponibbli miġbura għall-perjodu wara l-PIR wriet li l-prezzijiet ta' importazzjoni minn HEG baqgħu kemm għoljin kif ukoll stabbli, u b'hekk ġie kkonfermat li l-kumpanija kompliet ma tiddampjax wara l-PIR.
- (27) Instab ukoll li, waqt il-PIR, esportazzjonijiet minn HEG għas-swieq oħra minbarra l-UE saru bi prezzijiet 'l fuq mill-prezzijiet fis-suq domestiku Indjan.
- (28) F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-sejbiet mill-PIR jistgħu jitqiesu dejjiema.

5. MIŻURI ANTI-DUMPING

- (29) Kif iddikjarat hawn fuq, HEG instab li kien qed jiddampja flivell *de minimis* waqt il-PIR. Madankollu, ġie innutat li, waqt li l-marġini tad-dumping stabbilit għall-kumpanija kkonċernata fl-investigazzjoni oriġinali kien ta' 22,4 %, id-dazju tal-anti-dumping attwalment fis-seħħ għal din il-kumpanija huwa ta' 0 % ⁽¹⁾. Dan jirriżulta mill-fatt li hemm dazji kumpensatorji paralleli fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat. F'dawn iċ-ċirkostanzi, is-sejba ta' dumping *de minimis* m'għandu l-ebda impatt immedjat fuq il-livell ta' miżuri attwalment fis-seħħ ⁽²⁾.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2009.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ERLANDSSON

6. ŻVELAR

- (30) Il-partijiet interessati ġew informati bil-fatti, il-konsiderazzjonijiet u s-sejbiet essenzjali tal-investigazzjoni u nġhataw l-opportunità li jikkumentaw. Ma waslu l-ebda kummenti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċerti sistemi ta' elettrodi tal-grafita li joriġinaw mill-Indja, li tnediet skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 384/96 hija b'dan konkluzja mingħajr emenda tal-livell tal-miżura anti-dumping fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ara l-premessa 30 tar-Regolament (KE) Nru. 1629/2004.

⁽²⁾ ĠU L 295, 18.9.2004, p. 4.